MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 458/2002/1

**Imelda u Joseph konjugi Tabone, Josephine u Gaetano konjugi Micallef, Edward u Emmanuela konjugi Micallef, Vincenza Zammit, Isabelle El Saghir u Stanley Zammit**

**Vs**

**Agnes Galea, Catherine Borg, Maria Carmela maghrufa bhala Carmen Schembri, Josephine Schembri, Paul Schembri, Rose Fenech, Carmela maghrufa bhala Carmen Cilia, Grace Muscat, Carmelo Micallef u Daniel Micallef**

Kawza Nru:

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ppresentata mill-atturi fid-19 ta' April, 2002, li in forza taghha taghha, wara li ppremettew illi permezz ta' ittra ufficjali pprezentata fil-Prim` Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Settembru 2001 (Dokument A) il-konvenuti vvantaw kontra l-atturi l-pretensjoni illi l-konvenuti huma komproprjetarji ta' zewg-terzi (2/3) indiviz tal-fond numru erbgha u erbghin (44) Triq Hal Bajjada, ir-Rabat.

Illi din il-pretensjoni, hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, kif gia rilevat mill-atturi fl-ittra ufficjali responsiva taghhom ipprezentata kontra l-konvenuti fil-Prim` Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Settembru 2001, u dan ghaliex l-atturi akkwistaw il-fond 44, Hal Bajjada Street Rabat (b'entratura ukoll minn 1 Alley 4 Hal Bajjada Street, Rabat), in kwantu ghal erba' kwinti (4/5) b'titolu ta' bejgh minghand ommhom Caterina Micallef permezz ta' att pubbliku tat-8 ta' Ottubru 1990 (Dokument B) u in kwantu ghar-rimanenti kwint (1/5) b'wirt minghand l-istess ommhom li mietet fid-9 ta' Gunju 1991;

Illi omm l-atturi kienet hi stess proprjetarja assoluta ta' l-imsemmi fond u dan kif jirrizulta mill-kuntratti l-ohra msemmija fil-precitat kuntratt Dokument B;

Illi l-atturi jixtiequ illi jehilsu minn din il-pretensjoni tal-konvenuti skond kif jiddispjoni l-Artikolu 403 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dina l-Qorti m'ghandiex:

1. Taghti lill-konvenuti zmien ta' mhux aktar minn tlett xhur li fih ghandhom igibu 'l quddiem b'kawza il-pretensjoni taghhom hawn fuq imsemmija;
2. f'kaz illi jonqsu li jgibu 'l quddiem din il-kawza fiz-zmien hekk lilhom prefiss, tordna u tikkundanna lill-konvenuti li jisktu ghal dejjem u tiddikjara li l-konvenuti tilfu d-dritt li jimxu izjed bil-ligi ghal din il-pretensjoni.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-27 ta' Settembru 2001 kontra l-konvenuti, li minn issa huma

ngunti ghas-subizzjoni, u b'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi skond il-ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha ecepew:
1. Illi l-azzjoni ta' jattanza proposta mill-atturi hi inammissibbli in kwantu l-allegazzjoni maghmula mill-eccipjenti fl-ittra ufficcjali msemmija fic-citazzjoni, u fl-ittri ufficcjali ohra u skambju tal-korrispondenza antecedenti ghal din, saret ghall-konservazzjoni tad-drittijiet tal-eccipjenti hekk determinati u necessitati minn kawtela u raguni guridika.

2. Illi inoltre l-allegata millantazzjoni ma kienetx spontanea izda kienet provokata mill-atteggjament tal-atturi li mill-1991 wara l-mewt ta' ommhom, ga` inkwilina tal-fond 44 Triq Hal-Bajjada, Rabat, bdew jiddikjaraw illi huma ma kienux tenuti jkomplu jhallsu kera u anzi bdew jivvantaw li huma s-sidien esklussivi tal-fond.

3. F'kull kaz it-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li resqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat;

Illi din hi kawza ta'jattanza fejn l-atturi qed jallegaw li huma proprietarji assoluti tal-fond 44, Triq Hal Bajjada, Rabat, fil-waqt li l-konvenuti resqu pretensjoni illi huma ko-propjetarji ta' zewg terzi indivizi tal-istess fond; l-atturi iridu jehilsu minn din il-pretensjoni tal-konvenuti u qed iresqu din l-istanza biex lill-konvenuti jigi prefiss terminu li fiha

ghandhom iressqu din il-pretensjoni gudizzjarjament, u, fin-nuqqas jigi impost fuqhom silenzju perpetwu fil-kuntest ta’ l-istess pretensjoni.

Jidher mill-provi li f’dan il-post kienu joqghodu Guiseppe Schembri u martu Emanuela li kellhom hamest itfal, fosthom Caterina Micallef, li tigi omm l-atturi Imelda, Josephine, Edward u Vincenza, u n-nanna tal-atturi Isabella, u Stanley. Din Caterina Micallef baqghet tghix fil-post indikat anke wara li zzewget u wara li mietu l-genituri taghha. Ghal- ewwel, din Caterina Micallef kienet taghti xi flus – varjament indikat bhala kera jew cens – lil zewg zijiet taghha, hut missierha Giuseppe, li jigu l-awturi tal-konvenuti. Tul iz-zmien li din Caterina ghamelt toqghod fid-fond in kwistjoni, hija akkwistat l-ishma ta’ hutha biex b’hekk spiccat biex akkwistat is-sehem kollu li l-genituri taghha kellhom f’dan il-fond.

Matul hajjitha, Caterina Micallef, ghaddiet u bieghet il-fond lill- erba’ uliedha, l-atturi Vincenza, Josephine, Imelda u Edward, u peress li r-ragel ta’ Vincenza miet is-sehem li dan kellu (bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u martu) ghadda fuq uliedu Isabelle u Stanley.

Xi tlett snin qabel ma mietet Caterina, u cioe’, ghal habta tal-1988, l-atturi investigaw fid-dettal ir-raguni ghaliex ommhom Caterina kienet thallas flus lill-hut missierha, u minn ricerka li ghamlu sabu li dak il-post kien fuq kollox, parafernali ta’ missier Caterina biss, cioe’, ta’ Guiseppe Schembri, u li hadd aktar ma kellu sehem fuq post. Din il-konkluzzjoni waslu ghaliha wara li ezaminaw id-denunzja ta’ l-indikat Guiseppe Schembri, li kienet giet ippreparata minn Nutar Paul Pullicino. F’din id-denunzja, n-Nutar Pullicino irregistra dan il-fond bhala li kien jappartjeni interament lill-Guiseppe Schembri, u li, allura, bil-mewt tieghu, sar jappartieni kollu kemm hu lill-hames uliedu, soggett ghall-usufrutt favur martu. Peress li l-post kien, allura, kollu kemm hu ta’ ulied Guiseppe Schembri, u wahda minn dawn, Caterina, akkwistat l-ishma kollha ta’ hutha, din Caterina saret l-unika proprjetarja tal-fond. L-atturi, bhala akkwirenti minn u eredi ta’ Caterina Micallef,

qed jippretendu allura li huma proprietarji assoluti u unici tal-fond.

Meta l-atturi ‘skoprew’ dawn il-fatti, marru jkellmu lill-konvenuti u avzawhom li ommhom Caterina ma kienetx se thallas aktar flus ghall-okkupazzjoni taghha tal-fond, peres li wara kollox, dak kien kollu taghha, u huma, l-konvenuti, ma kellhom ebda dritt fuqu.

Rinfaccjati b’din il-posizzjoni, l-konvenuti ghall-ewwel m’ghamlu xejn, izda wara li mietet Caterina, bghatu jinfurmaw lill-atturi biex jizgumbraw mill-post. Saru laqghat bejn il-partijiet li fhom iz-zewg nahat baqghu izommu l-posizzjoni taghhom, u cioe’, l-atturi li l-fond hu kollu taghhom, u l-konvenuti li huma ghandhom sehem ta’ zewg terzi indivizi ta’ l-istess fond. Peress li ma ntlahaqx qbil, il-konvenuti bdew jibghatu ittri ufficjali lill-atturi li fihom baqghu jissottomettu l-pretensjoni taghhom ta’ komproprietarji tal-fond.

Il-meritu ta’ din il-kawza mhux lill-min tappartjieni il-proprieta’ tal-fond in kwistjoni, izda jekk ghandux jigi impost fuq il-konvenuti terminu biex iressqu l-pretensjoni taghhom ghall-iskrutinju tal-Qrati. Il-konvenuti qed jiddefendu din it-talba billi jghidu li, fl-ewwel lok, l-ittri ufficjali saru ghall-fini ta’ konservazzjoni tad-drittijiet, u, fit-tieni lok, l-istess ittri ufficcjali kienu reazzjoni ta’ agir tal-atturi li pprovokawhom meta waqfu jhallsu flus lill-awturi taghhom u opponew, allura, id-drittijiet taghhom fuq il-fond.

Skond il-gurisprudenza, biex tirnexxi din l-azzjoni iridu jinkonkorru sitt elementi. Dawn l-elementi huma:
(a) l-attur irid ikun fil-pussess, almenu de facto u prima facie, tal-oggett li jkun qed jikawtela (Vol. XX.II.338; XXXIII.II.201);
(b) il-konvenut ikun, bil-miktub, ressaq pretensjoni fuq dak l-oggett, l-esercizzju ta’ liema pretensjoni tkun ghad trid tigi (Vol. XXXIII.II.287; XLII.II.1146);
(c) il-pretensjoni trid tkun spontanea, u mhux provokata bl-agir tal-attur (Vol. XXIV.II.358; XXXI.I.494);

(d) il-pretensjoni irid ikollha l-karattru li tista' tigi esecitatata b'azzjoni gudizzjarja (Vol. XXXIII.II.287);
(e) il-millantazzjoni jkollha skop determinabbli, specifiku jew kapaci li jigi specifikat (Vol. XXXIII.II.287; XXXVI.III.632)
(f) il-pretensjoni m'ghandhiex tkun kondizzjonata, jew tiddependi minn fatt li jista' jigri u ma jigrix (Vol. XVI.II.85; XXI.II.6).

Minn ezami ta' l-indikati elementi, jidher li l-azzjoni attrici tista' tehel fuq it-tielet element, u cioe', il-htiega tal-ispontaneata` tal-millantazzjoni. Dan hu element diversi drabi ribadit mill-gurisprudenza. Hekk, fil-kawza, "Pellegrini Petit vs Sammut", Vol. XXIV.II.358, intqal, b'approvazzjoni ta' dak li jghid il-gurista Rodolfino fuq il-materja, li "allegazioni fatte in propria difesa in atti giudiziali dietro provocazione altrui, non possono servire di base al giudizio in jattanza". Dan il-principju gie indikat ukoll minn din il-Qorti fil-kawza "Grixti vs Borg", deciza fit-22 ta' Ottubru 1982, fejn saret riferenza ghad-decizjonijiet riportati fil- Vol. III.189, XVI.II.337, XXIV.II.359, XXXII.I.645 u XLII.II.1146.

Hekk ukoll fil-kawza, "Buhagiar vs Busuttil", deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Ottubru, 1999, intqal li "meta l-attur mexxa jew gieb il-quddiem kontra l-konvenut xi pretensjoni, u dan biex jillibera ruhu minn dik il-pretensjoni, jew igib raguni ghaliex huwa qieghed jirrespingi dik il-pretensjoni, allura d-dikjarazzjoni ma tkunx izjed wahda spontanja, imma tassumi l-kwalita' ta' dikjarazzjoni ta' dritt provokata. Il-konvenut f'kazijiet bhal ta' l-ahhar ikun qed jezercita' dritt tieghu."

Fil-kaz in ezami, jirrizulta li l-pretensjoni tal-konvenut giet provokata mill-agir unilaterali tal-atturi li darba fost ohrajn, waqfu milli jhallsu l-kera ossija cens ossija kumpens lill-awturi tal-konvenuti; dan il-hlas, b'mod jew iehor, kien qed iservi ta' rikonoxximent tat-titolu tal-konvenuti, u meta l-hlas waqaf, il-konvenuti kellhom dritt jiddefendu ruhhom, billi jimmanifestaw il-pretis titolu taghhom f'ittra ufficjali.

Il-provokazzjoni mhux mehtiega li ssir b'xi att gudizzjarju (ara "Gatt vs Aquilina" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta' Gunju, 2003) izda trid tirrizulta cara u tindika b'mod inekwivoku l-opposizzjoni ghal xi dritt pretis jew gawdut mill-parti l-ohra. F'dan il-kaz m'hemmx dubbju li l-provokazzjoni kienet wahda cara u inekwivoka: l-atturi mhux biss waqfu jhallsu l-flus, izda kellmu lill-konvenuti u ghamluha cara maghhom li ma kienx se jhallsu aktar ghax huma (il-konvenuti) ma kellhom ebda drittijiet fuq il-post. F'sitwazzjoni bhal din, il-konvenuti gew impoggija f'sitwazzjoni fejn kellhom jirrejagixxu u jikkawtelaw id-drittijiet taghhom u dan ghamluh bil-mezzi li tipprovdilhom il-ligi. Kif intqal fil-gurisprudenza, m'hemmx millantazzjoni meta l-mezzi ta' difiza adoperati, "jkunu necessarji ghall-konservazzjoni jew protezzjoni ta' dawk id-drittijiet, u jkunu determinati minn necessita` jew kawtela guridika" (Vol. XVI.II.337; XXXII.I.645; XL.II.886).

Ghalhekk, l-atturi ma setghux jipprevalixxu ruhhom mill-azzjoni ta' jattanza ghaliex id-dikjarazzjoni maghmula mill-konvenuti kienet giet provokata mill-atturi stess.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza, billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tichad it-talbiet tal-atturi.

L-ispejjes tal-kawza jithallsu mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------